**It-tminn laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni t' Attivitajiet fin-Nadur**

**Nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2013 fis-7:00 p.m**

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Eucharist Camilleri, Viċi Sindku
Maria Natoli, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Antonia Portelli
Sammy Buttigieg
Peter Paul Buttigieg
Lucio Debono
Dun Salv Pace
Anton Said
Charlie Xuereb
Ines Buttigieg
Kenneth Portelli
James Buttigieg

---

1. Il-laqgħa bdiet b'talba.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-seba' laqgħa ġew approvati w iffirmati.

3. **Suq fil-Miftuh tal-Milied.** L-attivita li saret nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru fi Pjazza San Pietru u San Pawl (suq fil-miftuh) kien suċċess kbir. Kien organizzat tajjeb.

4. **Kunċert ta' ABBA Gold.** Il-Kunċert ta' ABBA Gold li sar nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri kien tajjeb izda seta kien hemm attendenza aħjar. Dan jista jkun peress li sar l-Erbgħa u ħafna miż-żgħażagh baqgħu Malta minħabba l-universita. Barra hekk kien ħafna ksieh.

5. **Karnival 2013.** Il-Kunsill ser jirċievi €7,000 mill-Gvern Centrali għall-attivita tal-Karnival taħt l-iskema ta' Attivitajiet Kulturali. L-attivitajiet fin-Nadur jibdew nhar is-Sibt 2 ta' Frar 2013 bil-kompetizzjoni ta' Miss Queen Carnival. Il-Ħadd 3 ta' Frar 2013 ser issir il-Karnival Organizzat. Il-Ħamis u Gimgħa 7 u 8 ta' Frar 2013

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

ser issir l-attivitajiet tal-Karnival tat-tfal ta' l-Iskola Primarja tan-Nadur. Il-Ħamis ser issir attivita mill-Kazin tal-football.

Ser issir laqgħa għall-partecipanti nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar fis-7:00 ta' filgħaxija. Il-provi taz-zfin ser issir nhar l-Erbgħa 30 ta' Jannar.

Sar it-tqassim tax-xogħol fl-attivita tal-Karnival organizzat.

6. **Karnival Spontanju.** Is-Sindku għandu jiltaqa mas-Supritendent tal-Pulizija biex jiġi diskuss l-manaġjar tat-traffiku w affarijiet ohra relatati mal-Karnival Spontanju. Il-Kunsill ser jinkariga sitt gwardjani għas-Sibt filgħaxija biex jasistu lill-pulizija.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:15 p.m.

**Charles Said, Sindku**

**Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**